# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR JOSEPH A. FILLETTI, B.A., LL.D., A.R.HIST.S.**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE, B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 16 ta' Jannar, 2002**

**Numru 1**

**Cit. Nru. 1555/94**

**Onor Dr. Joseph M. Fenech**

**vs**

**Louis Cauchi u Onor Dr. Alfred Sant**

**L-Att tac-Citazzjoni**

L-attur ipproceda quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili b'dan l-att tac-citazzjoni kontra l-konvenut Louis Cauchi fil-kwalita' tieghu ta' Editur tat-Torca, u kontra l-Onor. Dr. Alfred Sant bhala artikolist fl-istess gurnal ghal dikjarazzjoni li huma kienu llibellawh u mmalafamawh b'kitba li kienet dehret fil-harga tat-13 ta' Novembru, 1994.

"Peress illi f'pagna 3 tal-harga ta' "It-Torca" tat-13 ta' Novembru, 1994, li taghha l-konvenut Cauchi huwa l-editur, f'artikolu intitolat "L-ahhar tmint ijiem", li tieghu l-konvenut Sant huwa l-awtur, gie attribwit fatt determnant li huwa falz u malafamanti fil-konfront ta' l-istanti bl-iskop li jesponih ghad-disprezz u ghar-redikolu tal-pubbliku;

U peress illi din l-allegazzjoni giet diversi drabi ripetuta mill-konvenut Sant f'diversi okkazzjonijiet li ma jhallix dubbju dwar x'ried jghid u jimplika fil-konfront ta' l-attur;

U permess illi l-attur bhala l-parti offiza u malafamata ghandu d-dritt li ma jeccedux elfejn lira (Lm2000) a tenur ta' l-Art 28 tal-Ligi ta' l-Istampa (Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta) u dana minghand il-konvenut bhala editur u awtur rispettivament tal-pubblikazzjoni imsemmija.

Jghidu l-konvenuti ghaliex:

1. M'ghandux jigi ddikjarat u deciz minn dina l-Qorti illi l-pubblikazzjoni surriferita hija libelluza u malafamanti fil-konfront ta' l-attur u li tesponih ghad-disprezz u r-redikolu tal-pubbliku;

u

2. M'ghandhomx jigu kkundannati jhallsu lill-attur dik is-somma li tiffissa din il-Qorti f'ammont li ma jeccedix elfejn lira (Lm2000) bhala danni ghal malafama b'applikazzjoni ta' l-Art 28 tal-Ligi ta' l-Istampa (Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta).

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li minn issa hemm ngunti ghas-subizzjoni".

## Eccezzjonijiet

Il-konvenut Dr. Alfred Sant eccepixxa li l-artikolu indikat mill-attur ma kienx libelluz fil-konfront tieghu u, subordinatament, l-istess artikolu kien jikkostitwixxi *fair comment* u jikkonsisti f'espressjoni ta' l-opinjoni tieghu fuq grajja ta' interess pubbliku permissibbli f'socjeta' demokratika.

Il-konvenut l-iehor, Louis Cauchi, eccepixxa li l-kitba de quo ma kienitx ingurjuza, vis-a-vis l-attur. Inoltre, eccepixxa wkoll li l-kitba kienet espressjoni ta' fehma, kienet "value judgment", huma permessi f'socjeta' demokratika u dana kien mghallem f'gudikati ricenti ta' dik il-Qorti u ta' din il-Qorti fid-dawl ta' gudikati tal-Qorti Ewropeja ghad-drittijiet tal-Bniedem. Il-Qorti ta' l-Appell kellha l-opportunita' li tidhol profondament fis-suggett u kkonformat ruhha ma' dan anke l-Qorti ta' l-Appell Kriminali.

**Decide**

B'sentenza tad-9 ta' Dicembru, 1998, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddecidiet il-kawza billi fl-ewwel lok cahdet l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti u, fit-tieni lok, laqghet it-talbiet attrici billi ddikjarat illi l-pubblikazzjoni in kwistjoni kienet libelluza u malafamanti fil-konfront ta' l-attur u kienet tesponieh ghad-disprezz u ridikolu tal-pubbliku u kkundannat lill-konvenut Dr. Alfred Sant ihallas lill-attur is-somma ta' elf, mitejn u hamsin lira (Lm1,250), u lill-konvenut Louis Cauchi li jhallas lill-attur is-somma ta' hames mitt lira (LM500) u dana bhala danni likwidati ghall-malafama bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28 tal-Ligi ta' l-Istampa (Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta). L-ispejjez kollha kellhom ihallsuhom il-konvenuti.

**Motivazzjoni tas-sentenza appellata**

L-ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha:-

> "Fiz-zmien in kwistjoni l-attur kien Ministru tal-Gvern u cioe' l-Ministru tal-Gustizzja. Il-konvenut Dr. Alfred Sant kien il-Kap ta' l-Oppozizzjoni u l-konvenut l-iehor Louis Cauchi kien l-editur tal-gazzetta "It-Torca";
>
> L-attur qed isostni li l-konvenut Dr. Alfred Sant, f'artikolu li kiteb intitolat "L-ahhar tmint ijiem" li deher fil-harga ta' "It-Torca" tat-13 ta' Novembru, 1994, attribwilu fatt determinat falz u malafamanti u dana bl-iskop li jesponih ghad-disprezz u ghar-redikolu tal-pubbliku. L-attur, fid-dikjarazzjoni, specifika illi dan kien fejn il-konvenut Sant kiteb illi "fil-process tal-mahfra tal-Braziljan ghaddew il-flus". Ghalhekk l-attur qed jitlob li l-konvenuti jigu kundannati jhallsu danni mhux in eccess ta' elfejn lira (Lm2,000) ai termini ta' l-artikolu 28 tal-Ligi ta' l-Istampa (Kap 248);
>
> Il-konvenut Dr. Alfred Sant qed jeccepixxi illi l-artikolu in kwistjoni mhux libelluz fil-konfront ta' l-attur u illi l-istess artikolu hu "fair comment" u jikkonsisti fl-espressjoni ta' opinjoni permissibbli f'socjeta' demokratika, fuq grajja ta' interess generali. L-eccezzjonijiet tal-konvenut Cauchi huma fuq l-istess linji ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Dr. Alfred Sant;
>
> Il-konvenuti ma eccepewx il-prova tal-verita' tal-fatti, pero' in effett saru provi ghar-rigward tal-fatti u cirkostanzi li kienu ta' sfond ghall-artikolu in kwistjoni u f'dan ir-rigward dawn il-provi kienu necessarji. Il-konvenut Dr. Sant fl-artikolu in kwistjoni, f'parti minnu ttratta l-mahfra presidenzjali li nghatat lic-cittadin Braziljan Queiroz li gie misjub hati mill-Qrati taghna u kundannat ghal piena karcerarja ghal traffikar ta' droga. Din il-mahfra qajmet polemika u interess generali fil-poplu Malti;
>
> In vista tac-cirkostanza li l-konvenuti mhux qed jeccepixxu l-prova tal-verita' tal-fatti, u in vista tan-natura, essenzjalment legali, ta' l-eccezzjonijiet, mhux il-kaz li fil-prezenti jigu riprodotti l-fatti talvolta rizultanti. Mhux eskluz pero' li ssir riferenza ghal xi fatti jekk ikun opportun;
>
> Hu l-kaz ukoll li jigi ribadit u anke possibilment enfasizzat li l-prezenti tittratta dwar jekk l-attur giex malafamat bl-artikolu in

kwistjoni. Ghandu jigi deciz biss jekk fl-istess artikolu giex attribwit lill-attur fatt determinat falz u malafamanti, bl-iskop li jigi espost ghad-disprezz u ghar-ridikolu tal-pubbliku. In vista ta' l-eccezzjonijiet ghandu jigi deciz ukoll jekk il-konvenut Dr. Alfred Sant setghax jesprimi ruhu bil-mod kif ghamel. Il-kwistjonijiet, li in effett qajmu l-imsemmi interess generali fil-pubbliku, fosthom jekk kellhiex tinghata l-mahfra, jekk l-attur bhala Ministru tal-Gustizzja kellux jaghti l-parir li ta lill-President tar-Repubblika u jekk wiehed jaqbilx jew le ma' dak li kiteb il-konvenut Dr. Alfred Sant, huma kollha kwistjonijiet ghal kollox rilevanti ghall-finijiet ta' din il-kawza.

Il-konvenut Dr. Alfred Sant, fl-artikolu in kwistjoni, kiteb hekk: "**Nibqa' nsostni l-fehma dwar kif fil-process tal-mahfra tal-Braziljan ghaddew il-flus. Jekk ma naslux ghal din il-konkluzzjoni, ikollna nammettu li kull min kien involut f'din l-istorja hu imbecilli. Il-fatti maghrufa sa issa ma jorbtux flimkien .........sakemm wiehed ma jemminx li x'imkien, kienu ghaddew il-flus"**. Il-konvenut Dr. Sant b'dan il-kliem qed jghid li hi l-fehma tieghu li fil-process tal-mahfra presidenzjali moghtija lill-Braziljan Quieroz, xi hadd, indebitament, ta xi flus u xi hadd, dejjem indebitament, ircieva dawk l-istess flus. Huwa ghalhekk qed jimplika li xi hadd ikkorrompa u xi hadd gie korrott. Huwa jkompli jsahhah din l-opinjoni tieghu billi jghid li kieku ma kienx hekk kull min kien involut f'dan il-process ghandu jigi ritenut imbecilli. Huwa jzid illi l-fatti maghrufa jaghmlu biss sens jekk wiehed jemmen li x'imkien ghaddew il-flus;

F'dan ir-rigward ghandu jinghad li mill-provi kollha prodotti zgur li ma jirrizultax li fil-process tal-mahfra xi hadd hallas jew li xi hadd indebitament ircieva xi flus. Ma jirrizultax li f'xi stadju tal-process tal-mahfra xi hadd gie korrott;

Fl-ewwel lok il-konvenuti qed jeccepixxu illi l-artikolu in kwistjoni mhux libelluz fil-konfront ta' l-attur. Jidher ghalhekk li mhux kontestat li l-kliem in kwistjoni huwa libelluz. Il-Gately ("On Libel and Slander") jiddefinixxi l-libell bhala "**Any written or printed words which tend to lower a person in the estimation of a right-thinking man or cause him to be shunned or avoided or expost him to hatred, contempt or ridicule".** Ma hemmx dubbju illi l-kliem in kwistjoni huma libelluzi fil-konfront ta' min huma indirizzati. F'kull qarrej ordinarju u f'kull cittadin normali dawn il-kliem inaqqsu l-istima tal-persuna li hi s-suggett ta' dawn il-kliem u inoltre jesponu lill-istess persuna ghad-disprezz generali. Hu libelluz li xi hadd jattribwixxi li gie kommess reat fi process ta' mahfra presidenzjali, b'mod partikolari meta jigi

allegat li indebitament xi hadd ta xi flus u xi hadd ircieva dawk l-istess flus, jew li xi hadd ikkorrompa u xi hadd gie korrott;

F'din l-ewwel eccezzjoni taghhom il-konvenuti qed jeccepixxu illi l-attur la hu identifikat u lanqas ma huwa identifikabbli. Huma qed isostnu illi l-artikolu in kwistjoni hu miktub f'termini generici u mkien ma hemm riferenza specifika ghall-attur. Ghandu ghalhekk jigi deciz jekk l-attur jistax jigi identifikat fl-istess artikolu.

F'dan ir-rigward ghandu jinghad illi qarrej ordinarju seta' ragjonevolment jikkonkludi illi fl-artikolu in kwistjoni kienet qed issir riferenza ghall-attur. Huwa minnu li jirrizulta li fil-mahfra in kwistjoni kien hemm diversi nies involuti. L-attur pero' kien il-protagonist principali f'din il-mahfra u dana peress li kien hu bhala il-Ministru tal-Gustizzja ta' dak iz-zmien li ta l-parir lill-President tar-Repubblika biex tinghata l-mahfra. Ghalhekk l-ewwel persuna li tigi f'mohh il-qarrejja ta' l-artikolu in kwistjoni kien appuntu l-attur qua politiku u qua Ministru.

Fuq l-iskorta ta' decizjoni tal-qrati taghna ma jistax jinghad li l-kliem in kwistjoni semplicement jaghmel riferenza indeterminata ghal xi uhud minn grupp speciku ta' nies bla ma tista' ssir identifikazzjoni individwali. (Vide appell kriminali "Dr. G. Mifsud Bonnici vs Anthony Farrugia et", 13.6.1985). Anzi f'dan il-kaz jirrizulta dak li jissejjah l-element ta' l-"identifikabilita' indubbja" (Vide "Pulizija vs Henry Jones" – Appell Kriminali 20.1.1960);

Minn ezami akkurat ta' l-artikolu in kwistjoni jirrizulta li l-konvenut Dr. Alfred Sant ma juzax termini generici li jistghu ihallsu xi dubbju, anzi jasserixxi l-hsieb tieghu f'termini li pjuttost ma jhallu ebda dubbju. Huwa jghid car u tond li fil-process tal-mahfra in kwistjoni ghaddew il-flus. Huwa jinkludi lil kull min kien involut fl-istorja u bla dubbju l-ewwel wiehed li jigi fil-mohh tal-qarrej huwa l-ministru li ta l-parir biex il-mahfra tinghata. Huwa juza l-kliem li "x'imkien ghaddew il-flus" u l-qarrej ordinarju b'dan il-kliem jimmagina li fl-flus ghaddew meta inghata l-parir;

Barra minn hekk gie diversi drabi ritenut illi "**allegazzjoni ingurjuza diretta lejn grupp ta' nies, jintitola li kull wiehed minn dak il-grupp jagixxi individwalment ghar-rizarciment tad-danni taht il-ligi ta' l-Istampa". (**Prim Awla tal-Qorti Civili - "Richard Farrugia vs Felix Agius" deciza fit-30 ta' Jannar, 1992);

In vista ta' dan kollu l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti ghandha tigi respinta. Fit-tieni lok il-konvenuti qed jeccepixxu illi l-artikolu

in kwistjoni jikkostitwixxi “a fair comment” u jikkonsisti fl-espressjoni ta’ opinjoni, permissibbli f’socjeta’ demokratika, fuq grajja ta’ interess generali;

F’dan ir-rigward ghandu jigi deciz jekk il-konvenut Dr. Sant f’dan l-artikolu ghamilx asserzjoni ta’ fatt determint jew kienx qed jesprimi semplicement l-opinjoni tieghu. Ghandu jigi rilevat illi l-konvenut Dr. Sant, fl-artikolu in kwistjoni, jghid li huwa irid “isostni l-fehma” li “ghaddew il-flus”. Huwa ma jispecifikax li din hi l-fehma jew l-opinjoni tieghu. Huwa donnu qed jimplika li din hi “fehma” gia diffusa u ghalhekk huwa jris isostniha. Dan kollu jimplika li l-konvenut Dr. Sant mhux qed ihalli lok ghal dubbju u qed jipprezenta l-fatt bhala wiehed cert. Huwa jkompli jghid li fuq il-fatti maghrufa jwiehed ma jistax hlief jikkonkludi li “ghaddew il-flus”. Il-konkluzzjoni ghalhekk hi li f’dan l-artikolu l-konvenut Dr. Sant qed jaghmel asserzjoni ta’ fatt determinat.

Huwa minnu li l-kwistjoni tal-mahfra lit-traffikant Quieroz kienet ta’ interess kbir pubbliku u qajmet polemika shiha. Pero’ hi haga li tghid li ma taqbilx mal-ghoti tal-mahfra u li l-process kollu ma kienx wiehed car u trasparenti, jew kliem iehor f’dan l-effett, u hi haga ohra li tghid li fl-istess process “ghaddew il-flus”;

Il-kritika hi fondamentali f’socjeta’ demokratika, pero’ dejjem hemm il-limiti. Dawn il-limiti f’kazijiet bhal dan li jkunu ta’ interess pubbliku generali, ghandhom ikunu wesghin kemm jista’ jkun, b’mod partikolari meta hemm involuti persuni pubblici bhal ma huwa l-attur. F’dan ir-rigward il-Gately (op.cit.) jghid – “**In cases of comment on a matter of public interest the limits of comment are very wide indeed. This is especially so in the case of public men”.** Il-Gately jispecifika inoltre illi – “**Unless there is some clear evidence of malice or some mistatement of fact, no action should be commenced, however severe the terms of the criticism may be**”. Ghar-rigward ta’ x’jikkostitwixxi “mistatement of fact l-istess Gately jghid – “**It is one thing to comment upon or criticise, even with severity, the acknowledged or proved acts of a public man, and quite another to assert that he has been guilty of particular acts of misconduct”;**

Il-Qrati taghna segwew dawn l-insenjamenti u jista’ jinghad li fid-dawl tal-gurisprudenza ricenti d-dritt ta’ l-espressjoni permezz ta’ l-istampa ghandu jinghata interpretazzjoni wiesgha, b’tali mod li, skond ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, kritika harxa u azzardata tista’ tigi wkoll permessa dejjem sakemm din tkun entro l-limiti ta’ dak li hu ragionevoli. (Vide Appelli Civili “Fenech vs Callus et” –

4 ta' Frar, 1994' "Sant vs Camilleri et" – 14 ta' Frar, 1994, u "Mons. A. Gauci vs M. Schiavone et" – 8 ta' Novembru, 1995).

Ghalhekk f'kazijiet li jkunu ggeneraw interess kbir fil-pubbliku u fejn ikunu involuti persuni publici l-limiti tal-kummenti huma wiesghin pero' hemm dejjem limiti. Tali limiti huma dettati fuq kollox minn dak li hu ragjonevoli, minn dak li hu dicenti u minn dak li jista' jkun accettat fis-socjeta' in partikolari. Hemm ukoll id-dritt li kull persuna, pubblika o meno, li tigi tutelata kemm fil-persuna taghha kif ukoll fil-fama taghha. Implikazzjonijiet, minghajr fondament, maghmula ghal kwalunkwe raguni, anke possibilment ghal raguni politika, li xi hadd ikkorrompa jew li xi hadd gie korrot, ma jistghu qatt jigu accettati la fil-kuntest ta' fatti li qajjmu interess pubbliku u lanqas fejn hemm involuti nies pubblici;

Dan kollu gie ribadit mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Civili fil-kawza "Eddie Fenech Adami et vs. Joseph Vella et" deciza fl-1 ta' Frar, 1988 meta gie ritenut – "**Il-ligi taghna mhix injara tal-kuncett ta' interess pubbliku u l-fatt li persuni f'karigi pubblici u importanti necessarjament huma esposti ghal kritika. Infatti tammetti l-prova tal-verita' tal-fatti f'diversi kazijiet ta' personalitajiet pubblici. Pero' altru timputa fatt li temmen li hu veru u fil-fatt hu veru, u altru bl-ikbar mod irresponsabbli dak li jigik f'mohhok tiktbu u tippublikah minghajr ma jkun hemm imqar bazi ta' fondatezza f'dak li jigi asserit. Il-politika ta' 'publish and be damned"** qatt ma sabet sostenn fil-Qrati taghna ..........L-atturi appellati avolja figuri pubblici jekk hassewhom ingurjati b'dak li gie pubblikat kellhom kull dritt jagixxu dawn il-Qrati u inoltre multo magis, ghax huma figuri pubblici, kellhom kull interess jagixxu kif agixxew jekk hassew li l-addebitu kien serju bizzejjed u malizjuz tali li bhala membri parlamentari kienu jistghu jigu oskurati jew jigu esposti ghad-disprezz tal-pubbliku".

Anke jekk hafna nhasdu bl-ghoti tal-mahfra in kwistjoni u anke jekk hafna ma qablux maghha, dan pero' ma jista' qatt jinfluwenza l-kwistjoni li ghandha quddiemha l-Qorti. Dan lanqas ma jaghti d-dritt li xi hadd jimplika li fil-process ta' l-istess mahfra kien hemm min ikkorrompa u min kien korrott. Anke jekk mhux kollox kien car u trasparenti fil-process tal-mahfra, ma jfissirx li "ghaddew il-flus";

L-allegazzjonijiet in kwistjoni ghandhom ukoll jitqiesu ta' certa gravita', tant li qed jigi mplikat li sar reat punibbli taht il-Kodici Kriminali. Ghalhekk fi kwalunkwe kaz il-kummenti in kwistjoni

dejjem jesorbitaw il-limiti u cioe' dawk il-limiti mposti mid-decenza, minn dak li hu ragjonevoli u minn dak li jista' jkun accettabbli fis-socjeta';

In vista ta' dan kollu jista' jinghad li l-kummenti in kwistjoni ma jistghu qatt jitqiesu bhala "a fair comment", jew li jikkonsisti fl-espressjoni ta' opinjoni, permissibbli f'socjeta' demokratika. Fid-dawl ta' dan kollu anke t-tieni eccezzjoni tal-konvenuti ghandha tigi respinta;

L-ammont ta' danni li fic-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz, tenut kont ukoll tal-gravita' ta' l-ingurja, ghandhom jigi likwidati favur l-attur, ghandhom jkunu fis-somma ta' elf mitejn u hamsin lira (LM1250) pagabbli mill-konvenut Dr. Sant u fis-somma ta' hames mitt lira (LM500) pagabbli mill-konvenut Cauchi, stante li dan ta' l-ahhar ma kienx l-awtur ta' l-artikolu;

Fid-dawl ta' dan kollu l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti ghandhom jigu respinti u stante li jirrizulta sufficjentement pruvat li l-artikolu in kwistjoni ta malafama lill-attur, it-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti u billi fit-tieni lok tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara illi l-pubblikazzjoni in kwistjoni hi libelluza u malafamanti fil-konfront ta' l-attur u li tesponih ghad-disprezz u r-ridikolu tal-pubbliku u tikkundanna lill-konvenut Dr. Alfred Sant ihallas lill-attur is-somma ta' Lm1250 u lill-konvenut Louis Cauchi jhallas lill-attur is-somma ta' Lm500 u dana bhala danni likwidati ghal malafama b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28 tal-Ligi ta' l-Istampa (Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta);

Spejjez kollha kontra l-konvenuti".

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

Il-qofol ta' l-aggravju elaborat ta' l-appellanti fir-rikors ta' l-appell taghhom hu kontenut fid-9 paragrafu fejn jiddikjaraw li huma illimitaw ruhhom ghall-kwistjoni dwar jekk bl-artikolu inkriminat giex libellat l-attur,

u jekk l-appellant Dr. Alfred Sant kellu dritt jesprimi l-fehmijiet u l-konvinciment morali tieghu bil-mod kif ghamel. Huwa wkoll f'dan il-kuntest li l-fatti tal-kaz kellhom rilevanza kbira. Mhux kif donnha fehmet l-ewwel Qorti biex tara x'konkluzzjoni hi jew xi haddiehor, tasal ghaliha, izda biex tapprezza l-fatti li fuqhom l-awtur wasal ghall-konvinciment morali tieghu. Dan biex tara jekk persuna normali setghetx tasal ghall-istess konvinciment morali li wasal ghalih Dr. Sant. It-test allura ma kienx jekk kulhadd kienx jaqbel jew wasalx ghall-istess konkluzzjoni, bhal ma kien ghamel l-attur. Kellha ssir analizi fid-dawl tal-fatti kollha kif irrizultaw u din kellha tkun oggettiva. Kien car li ma kienx mehtieg li l-Qorti kellha tikkondividi l-konkluzzjonijiet u l-konvinciment ta' l-awtur. Jidher pero' li l-ewwel Qorti kienet x'aktarx soggettiva u applikat il-kriterju li hi ma waslitx ghall-istess konkluzzjonjiet jew konvinciment morali li kien wasal ghalihom l-appellant Dr. Sant.

Din il-Qorti sejra titlaq minn dan il-punto di partenza biex tezamina jekk l-artikolu setghax jew le jitqies li kien malafamanti kif irriteniet l-ewwel Qorti, assumendo li kien dirett lejn il-persuna ta' l-appellat.

Il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:-

1. Il-fatti storici li pprovokaw din il-kawza kienu indubbjament ta' gravita' notevoli li skossaw l-opinjoni pubblika. Kienu fatti li

indubbjament kienu pjenament jiggustifikaw lill-appellant Dr. Sant, allura Kap ta' l-Oppozizzjoni, li jallarma l-opinjoni pubblika ghalihom u jitlob spjega minghand il-Gvern, anke f'qafas ta' kampanja kritika mill-aktar harxa. Sa hawn zgur kien dritt tieghu u wiehed jazzarda jghid, kien obbligu tieghu, fil-qadi tad-doveri tieghu bhala Kap ta' l-Oppozizzjoni. Certament din il-Qorti ma kienetx sejra tiddiskosta ruhha minn gjurisprudenza minnha ormai stabbilita li, in materja ta' kritika ta' figuri pubblici u politici u ta' l-operat taghhom, kienet permessa latitudini wiesgha ta' fehmiet u opinjonijiet horox anke jekk mhux misthoqqha, u kultant ingusti. Dik il-gjurisprudenza giet elaborata f'diversi gjudikati f'dawn l-ahhar snin, fosthom is-sentenza fil-kawza fl-ismijiet "Vincent Borg – vs – Victor Camilleri et", deciza fil-15 ta' Novembru, 1994, (Vol. LXXVIII, P.II, p.372).

Din il-Qorti pero' wkoll tikkondividi l-konsiderazzjoni li ghamlet f'dik is-sentenza illi kienet "tissottoskrivi l-hsieb li r-restrizzjonijiet li taghmel il-ligi ta' l-istampa (Kap 248) ghandhom jigu interpretati fid-dawl ta' l-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, kif ukoll fl-isfond ta' l-artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, kif dan jigi interpretat fil-gjurisprudenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet Umani.

"Dana l-izvilupp fis-sistema legali taghna huwa zvilupp sinifikanti hafna ghal pajjizna billi ma jistax ma jkollux l-effett li jwessgha id-dritt ta' l-

espressjoni. Madankollu f'dan l-izvilupp essenzjali l-istampa ma nghatat ebda passaport ta' immunita' billi tibqa' dejjem il-htiega li jinzamm sens ta' proporzjon bejn il-liberta' ta' l-espressjoni u c-censura tal-malafama. Dejjem jehtieg li jinzamm bilanc bejn il-bzonn li f'socjeta' demokratika jithalla spazju sufficjenti ghal-liberta' li wiehed jikkritika u li jsemmi l-opinjoni u l-gudizzju tieghu, ma' l-bzonn l-iehor, xejn anqas mehtieg, tad-difiza ta' reputazzjoni, unur u l-isem tajjeb li kull persuna f'socjeta' demokratika ghandha kull dritt li tgawdi".

2. Il-vexata quaestio f'din il-kawza hi nfatti jekk jistax jinghad li l-artikolett impunjat li gie pratikament riprodott fis-sentenza appellata, setghax jigi kwalifikat bhala opinjoni jew gudizzju ta' l-artikolist. Din il-Qorti tipprofessa li kienet perturbata mhux ftit sakemm waslet ghall-apprezzament korrett ta' dak li kien gust u xieraq. Dan propju ghaliex kellha ukoll izzomm quddiem ghajnejha illi hawn si tratta ta' addebiti maghmula fl-isfera prettament politika minn bniedem politiku kontra bniedem iehor politiku.

Din il-Qorti hi konsapevoli tal-gjurisprudenza tal-Qorti Ewropeja kif qed tizviluppa wara s-sentenza awtorevoli u imorattiva fil-kaz "Lingens" u fil-kaz iehor "Oberschlick" fejn il-Qorti Ewropeja irriteniet li ma kienetx mehtiega f'socjeta' demokratika, ligi li tirrikjedi l-prova tal-verita' ta' opinjonijiet rigward figuri politici. Kuncett dan zviluppat fis-sentenza fil-

kawza "Thorgierson vs Iceland", (1992) li bih l-applikant kien gie misjub hati ta' malafama tal-pulizija f'diversi artikoli kritici hafna tal-komportament u dixxiplina taghhom.

"Finding for the applicant the Court decided that the strong language followed from the author's assessment of the allegations of others and the state of public opinion about police misbehaviour. He (l-applikant) did not make any allegations which he should have been called upon to prove. He was writing about a matter of serious concern and his vigorous copy was designed to serve this purpose or drawing attention to it.............."

Fil-kawza "Schwabe vs. Austria" (1992) il-Kummissjoni Ewropeja irriteniet illi "Politicians must be prepared to accept criticism even if far fetched but that such criticism must be founded on correct factual statements. It somewhat mitigated what correctness required when it said "In a short contribution to a discussion and the behaviour of politicians and the political morals not every word can be weighed to exclude any possibility of misunderstanding. The Court conflated the facts and opinion of Schwabe's article – they amounted to a value judgment for which no proof of truth is possible". (Harris, Boyle, Warbrick, Law of the European Convention of Human Rights, p.397 et seq).

3. Din il-Qorti tirrikonoxxi d-diffikulta' biex tiddetermina fejn jispicca l-fatt u tibda l-opinjoni. Indubbjament fil-kaz taht ezami, l-appellant jiddikjara bhala fatt illi fil-process tal-mahfra ta' Queiroz ghaddew il-flus. Rilevanti li l-artikolist ma kienx qieghed jirrepeti akkuza li ghamel haddiehor. Kien qieghed isostni l-akkuza tieghu stess. Dan wara li jippremetti ukoll bhala fatt illi l-materja kienet qamet fil-Parlament, li kienet saret investigazzjoni mill-Kummissarju tal-Pulizija, fil-fehma tieghu ghal kollox inadegwata, li minn dik l-investigazzjoni, skond il-Prim Ministru, ma rrizultax li kien hemm xi tixhim biex il-braziljan jinghata l-mahfra. Minn dan kollu l-qarrej ordinarju jifhem li din l-akkuza gravi ta' fatt avvenut kienet diga' maghmula pubblikament mill-artikolista appellant. Tant li hu stess kkonferma li l-Kummissarju kien intervistah u li l-Prim Ministru fil-Parlament iddikjara illi hu ma kien ipproduca l-ebda prova li kien sar xi tixhim.

Din l-insistenza fl-artikolu da parti ta' l-artikolist li jaddebita r-rejat ta' korruzzjoni forsi fl-aghar forma tieghu, forsi b'mod generiku lil "kull min kien involut" fil-process tal-mahfra, anke jekk bhala parti mill-kampanja gustifikata intiza biex twassal ghal inkjesta imparzjali bi shubija miz-zewg nahat tal-Kamra tar-Rapprezentanti li l-Gvern kien qieghed jirrifjuta li jaghmel, ma setghetx, fil-fehma tal-Qorti, tigi kwalifikata bhala "value judgement". Dana jekk xejn minhabba l-fatt stabbilit illi kien l-appellant stess illi jassumi l-paternita' ta' l-allegazzjoni ta' dak il-fatt

malafamanti. Mhux il-kaz illi qed jaghti opinjoni fuq il-konvinzjoni ta' haddiehor jew ta' l-ghajta tan-nies, imma qieghed hu stess jiddikjara li l-fatti, safejn maghrufa, u fin-nuqqas ta' spjegazzjoni ohra, kienu jwasslu necessarjament ghall-prova li kien hemm tixhim fil-process tal-mahfra li fih l-appellat kellu, bhala l-allura Ministru tal-Gustizzja, funzjoni principali u determinanti. Lanqas jista' jinghad li dana kien inghad incidentalment fl-artikolu. Certament kien il-qofol tal-parti centrali tal-messagg li ried iwassal l-appellant fl-artikolu tieghu.

Ma kienx allura kaz ta' tfettieq jew xi zelqa ta' kumment zejjed li, anke jekk goff, kellu jigi skartat fl-interess tad-dritt tal-liberta' ta' l-espressjoni ta' politiku fuq politiku iehor. L-artikolu kien, fil-fehma tal-Qorti, indirizzat propju biex iwassal il-messagg tal-fatt malafamanti lill-qarrejja tal-gurnal. Jidher ukoll li kienet l-ewwel opportunita' fejn l-artikolista ppronunzja ruhu b'dan il-mod fuq il-kaz Queiroz mhux taht l-umbrella tal-privilegg parlamentari. Kien allura mistenni li bhala rejazzjoni tigi istitwita l-prezenti azzjoni.

Process politiku ad effett li l-appellant kien purament intitolat illi jimmanuvra. Naturalment pero' wiehed kellu jassumi r-responsabilita' ta' dak illi jghid propju ghaliex il-kontenut kien fih innifsu gravement malafamanti u jaghmel hsara gravi lejn min kien dirett. Indubbjament hekk hu l-kaz taht ezami. Il-potenzjal tal-hsara politika li kien hemm u l-

effetti rejali taghha jithallew ghall-gudizzju ta' l-istorja. L-element pero' ta' "character assassination" ma jistax ma jikkostitwix pero' l-kontenut ta' l-azzjoni ta' libell. Naturalment salv il-verifika tal-fatti.

Din il-Qorti wkoll ma tistax taqbel mas-sottomissjoni li kien lecitu li wiehed jaghmel addebiti malafamanti kontra persuna, anke lejn il-politiku, semplicement billi jostorhom taht il-kappa ta' "konvinzjoni morali" ghax dik il-konkluzzjoni kienet inevitabbli mil-fatti kif maghrufa. Aktar ma kienet inevitabbli l-konkluzzjoni, akbar kienet l-emfasi ta' l-allegazzjoni bhala fatt rejalment avvenut. Fil-verita' d-diffikulta' kbira tal-mertu taht ezami kien propju biex jigi stabbilit jekk setghax b'xi mod jigi koncess illi l-kitba kif redatta kienet tammonta biss ghal opinjoni jew gudizzju. Diffikulta' li mpenjat sewwa lill-Qorti pero' li finalment waslet ghall-konvinciment illi l-artikolist kien qieghed ipoggi quddiem il-qarrejja tieghu stat ta' fatt ta' att gravi ta' korruzzjoni kommess minn min kien involut fil-process tal-mahfra ta' Quieroz, naturalment inkluz, kif inghad, l-appellat, li kien propju c-centru tal-kritika politika gusta u opportuna tal-Kap tal-Oppozizzjoni li taghha kien il-mexxej. Dana fis-sens illi l-Oppozizzjoni kellha kull dritt, anzi l-obbligu li tezigi kjarezza u trasparenza. Tant l-artikolu kien iwassal il-messagg ta' fatt inkriminanti u, jekk mhux provat, malafamanti fih innifsu – illi ghalkemm l-appellant ma eccepiex il-verita' tal-fatti, hu bena id-difiza tenaci tieghu f'din il-kawza, propju fuq investigazzjoni dettaljata ta' dawk il-fatti kif allegati

biex jasal halli jipprova dak li, fil-fehma tieghu, kienet "il-konvinzjoni morali inevitabbli" tat-tixhim.

"Where the reason for the condemnation of a press report is that is is untrue, the defendant must be given the opportunity to prove the truth of his allegations" ("Castels - vs - Spain", 1992). Ghandu jinghad, ghax dan hu gust, illi nonostante l-provi kollha migjuba inkluza x-xhieda ta' kull min kien b'xi mod involut fil-process ta' mahfra, nonostante li l-appellant inghata l-opportunita' shiha mill-ewwel Qorti li jipproduci kwalunkwe xhud li xtaq, mill-President tar-Repubblika l-isfel, biex proprju jasal ghal din il-kjarezza tal-fatti li kien illamenta minnha fl-istess artikolu, l-ebda traccja ta' prova ma rrizultat li b'xi mod setghet tiggustifika l-konvinzjoni morali li ghaliha wasal l-istess appellant u li nisslet il-fatt propjament ingurjuz, b'insistenza imwassal lill-qarrejja fl-artikolu.

Apparti l-fatt illi mill-provi lanqas jirrizulta li l-appellat kien il-promotur tal-process li wassal eventwalment ghall-mahfra, ghalkemm kien finalment indubbjament il-persuna illi wahedha hadet ir-responsablita' ghal dik id-decizjoni kontestata, ma rrizultatx li l-indagini maghmula fil-Qorti li l-process tal-mahfra kien vizjat b'xi irregolarita' jew skorrettezza. Seta' kien hemm zbalji gravi ta' apprezzament u ta' gudizzju, nuqqas ta' sensitivita' ghall-implikazzjoni ta' decizjoni ta' dik ix-xorta fiz-zmien meta

ttiehdet, pero' dan kollu li ghalih kellu jassumi r-responsablita' persuni nvoluti, seta' kellu biss implikazzjonijiet u responsablitajiet politici. Ma seta qatt iwassal ghall-allegazzjoni ta' agir delittwuz ta' l-aghar xorta fl-amministrazzjoni pubblika anke jekk dik l-imputazzjoni tkun mohbija taht il-velu trasparenti ta' konvinzjoni morali. Kien ghalhekk sorprendenti l-fatt li meta rinfaccjat b'dan l-istat ta' provi gjudizzjarjament kompilat u meta mistoqsi direttament fil-Qorti jekk fic-cirkostanzi hu setghax jeskludi l-involviment ta' l-attur appellat f'dak l-allegat att ta' tixhim, anke li kieku verament kien sehh bl-operat ta' terzi, il-konvenut appellant Dr. Sant, baqa' jinsisti fuq il-konvinzjoni morali tieghu u ma hassx li seta' jxolji r-rizerva tieghu fil-konfront ta' l-attur.

Fix-xhieda tieghu l-appellant, Dr. Sant, jassumi bhala fatt li fil-process tal-mahfra ghaddew il-flus, anke jekk jixhed illi "Jiena m'inix f'posizzjoni li nelimina jew nidentifika <u>kif ghaddew il-flus</u>. Ghalhekk tlabna li ssir investigazzjoni indipendenti u serja". Dana fuq domanda specifika jekk setghax jelimina lill-appellat minn fost in-nies involuti fil-process tal-mahfra li, skond il-konvinzjoni morali tieghu, kienu ccappsu bit-tixhim. Din il-pozizzjoni assunta mill-appellant Dr. Sant, waqt li setghet kienet b'xi mod gustifikabbli inizjalment minhabba r-rifjut li tigi kondotta investigazzjoni ndipendenti, certament ma baqghetx hekk sostenibbli wara l-indagini li ghamlet l-ewwel Qorti fir-rigward tac-cirkostanzi kollha tal-process tal-mahfra.

Din il-Qorti ma tistax ma tikkonkludix allura illi mhux biss il-fatt malafamanti allegat fil-konfront ta' l-appellat kien imur lil hinn mis-semplici ipotesi bazata fuq konvinzjoni morali, imma wkoll illi l-istess appellant Dr. Sant baqa' jsostni li dak il-fatt malafamanti, rejalment sehh nonostante li wara d-debita investigazzjoni fir-ricerka tal-verita' ma irrizulta l-ebda element ta' prova li seta' jallaccja lill-appellat ma' dik ix-xorta ta' imputazzjoni.

Din il-Qorti ma tistax taqbel illi l-ezercizzju li kellha taghmel kellu jkun wiehed soggettiv relatat ma' l-awtur ta' l-artikolu biex tapprezza l-fatti li fuqhom hu wasal ghall-konvinciment morali tieghu. L-ezercizzju taghha kellu jkun wiehed oggettiv biex tara jekk dak li nkiteb u gie prezentat bhala fatt lill-qarrejja kienx wiehed jew le malafamanti fil-konfront tal-persuna li lejha l-addebitu kien dirett. Dan naturalment hu differenti mill-atteggjament soggettiv tal-Qorti fis-sens illi tapplika l-kriterju li hi ma waslitx ghall-istess konkluzzjonijiet jew konvinciment morali li wasal ghalih l-appellant Dr. Alfred Sant. Dan l-approcc li, taht certu aspett, l-ewwel Qorti adottat, mhux dak li kellu korrettement jittiehed. Ezaminat minn din l-ottika l-mertu tal-kawza, hafna mis-sottomissjonijiet fl-aggravju ta' l-appell li huma kollha mahsuba biex jikkonvincu lil din il-Qorti li l-awtur kellu ragun jasal ghall-konvinzjoni morali li ghaliha wasal, jitilfu hafna mir-rilevanza taghhom.

L-appellanti jilmentaw ukoll mis-sentenza appellata inkwantu jsostnu li una volta gie stabbilit illi fil-process tal-mahfra kien hemm diversi nies involuti, l-artikolu ma kienx identifikabbli mal-persuna ta' l-attur. Huma jsostnu li l-kritika kienet qeghda ssir b'riferenza ghall-process b'mod indeterminat u mhux ghal xi parti identifikata jew identifikabbli minnu. Kien hemm diversi persuni involuti f'dak il-process li lkoll b'xi mod kellhom kuntatt u sehem, anke deciziv, fid-decizjoni li wasslet ghall-mahfra ta' Queiroz. Ma kien hemm xejn fl-artikolu li jimplika necessarjament lill-attur la direttament u lanqas bhala membru ta' grupp.

L-appellant Dr. Sant ma specifikax ghal min kien qieghed jirreferi ghax ma setghax jispecifika. Wera biss li kellu suspett li mxew il-flus izda bl-ebda mod ma jindika lill-appellant. Fil-verita' pero', fil-kors tal-process, l-appellanti mhux biss iddeklinaw milli jeskludu lill-attur appellat bhala wiehed mill-persuni li fir-rigward tieghu saret l-imputazzjoni malafamanti, imma wkoll inoltraw rwiehhom f'ezercizzju dettaljat ta' prova biex propju jittantaw jistabilixxu x'kien il-komportament ta' l-appellat bhala figura centrali fil-process tal-mahfra u kif, fix-xenarju ta' dak il-komportament li fih persuni ohra kienu wkoll protagonisti, wiehed inevitabilment kellu jasal ghall-konkluzzjoni li fil-process tal-mahfra ghaddew il-flus. Hu allura kontrosens ghal din il-Qorti li wiehed isostni li l-artikolu ma kienx dirett lejn il-persuna ta' l-appellat, l-attur, meta fl-

istess hin wiehed jiddikjara li ma jistax jeskludi li l-artikolu kien dirett lejh. Mill-banda l-ohra wkoll, il-qarrej ordinarju, fic-cirkostanzi partikoli li fihom inkiteb l-artikolu, inevitabilment identifika lill-attur bhala Ministru tal-Gustizzja bhala l-persuna responsabbli ghad-decizjoni finali ta' l-ghoti tal-mahfra u bhala li kien, almenu potenzjalment, suxxettibbli li jissokkombi ghat-tentazzjoni ta' tentativ ta' korruzzjoni. Fuq dan biss il-malafama kellha titqies li kienet diretta lejn l-attur.

L-ahhar ilment ta' l-appellanti jirrigwarda l-ammont ta' danni likwidati favur l-appellat. Din il-Qorti qieset ix-xorta ta' artikolu kif impostat, il-fatt li l-kontendenti kienu it-tnejn figuri pubblici u politici, ir-responsabilita' tal-konvenut Dr. Alfred Sant bhala Kap ta' l-Oppozizzjoni illi jgib materja ta' interess kbir ghas-socjeta' ghall-attenzjoni tal-pubbliku in generali, kif ukoll id-dritt tieghu li jesigi spjega u indagini da parti ta' l-awtoritajiet kompetenti, kif ukoll il-hsara li l-artikolu malafamanti indubbjament ikkreja lill-appellat. Hsara li kienet tmur sewwa lil hinn mis-semplici inkonvenjenza.

Kollox ma kollox din il-Qorti qieset li kien hemm lok li l-ammont jigi ridott ghas-somma ta' (tmien mitt lira) Lm800 fil-kaz ta' l-appellant Dr. Alfred Sant u fis-somma ta' (mitejn u hamsin lira) Lm250 fir-rigward ta' l-appellat Louis Cauchi. Dana biex l-ammonti jkunu aktar konfacjenti ma'

ammonti ohra likwidati f'cirkostanzi analogi u dana tenut kont ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi rigettat fil-mertu fir-rigward tar-responsabilita' u s-sentenza appellata f'dan il-kontest konfermata. Is-sentenza appellata qed tigi riformata biss fir-rigward tal-quantum tad-danni likwidati li qed jigu ridotti ghal (tmien mitt lira) Lm800 fil-kaz tal-konvenut Dr. Alfred Sant u fl-ammont ta' (mitejn u hamsin lira) Lm250 fil-konfront ta' l-appellant l-iehor Louis Cauchi. Konsegwentement l-istess appellanti qed jigu kkundannati b'din is-sentenza li jhallsu dawn l-ammonti kif issa likwidati lill-attur appellat.

L-ispejjez tal-prim'istanza kellhom ikunu kollha a karigu ta' l-appellanti, dawk ta' dan l-appell kellhom jigu sopportati kwantu ghal kwart mill-appellat u kwantu ghal tlett kwarti mill-appellanti.

Dep/Reg

mm